MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2009

Avviz Numru. 847/1995/1

**Hugh P Zammit ghan-nom u in rapprezentanza ta' Galdes & Mamo Limited u din in rappresentanza tal-kumpanija assikuratrici estera Royal International Insurance Holdings Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Antonio Baldacchino sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Antonio Baldacchino**

**Vs**

**Direttur tad-Dipartiment tal-Manifattura u Servizzi**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur nomine et talbu sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jkun ikkundannat li jhallas is-somma ta' mija u erbghin lira u hamsa u sebghin centezmu (Lm140.75) jew somma ohra verjuri likwidata minn din l-Onorabbli Qorti, liema somma hija dovuta in linea ta' danni kagunati fil-vettura bin-numru L-6431,

proprjeta’ tal-assikurat Antonio Baldacchinio u assikurata mal-attur nomine, fl-incident tat-30 ta’ Awissu 1993 gewwa l-Marsa meta waqt li haddiema tad-dipartiment kienu qeghdin jesegiwxxu xogholijiet strutturali waqqghu kantun fuq il-vettura fuq imsemmuja, u ghal liema incident kien jahti unikament l-konvenut.

Bl-ispejjes u bl-imghax kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (fol 7 tal-atti) u li biha eccepixa bir-rispett:-

1. Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u li l-konvenut m’ghandu jwiegeb ghal ebda danni u ghaldaqstant ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju;
2. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-istess konvenut (fol 7 ibid) u li biha espona bir-rispett:-

1. Illi l-haddiema tad-dipartiment minnu rapprezentanti ma kkagunaw l-ebda danni fil-vettura ta’ l-attur kif se jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
2. Ghaldaqstant m’ghandu jwiegeb ghal ebda danni.

Rat kif ukoll il-lista tax-xhieda a fol 9 ibid.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-attur <u>Anton Baldacchino</u> (fol 17 et seq ibid)), proprjetarju tal-vettura tal-marka “skoda” numru L6431 xehed illi, fit-30 ta’ Awissu 1993 hu kien ghall-habta tas-6am ipparkegga “bhas-soltu” l-imsejjha vettura fil-Marsa, ma gemb ossija taht il-hajt, tal-“garage” tal-Gvern vicin il-Biccerija fil-Marsa. Meta, ghall-habta tal-4.45pm, hu kien mar fejn kien hallieha, hu sab illi , fuqha, kien waqa’ cangun deskritt bhala antik tad-9”. Minn indagni li kien

ghamel, kien gie informat illi kien hemm haddiema ili kienu qed jahdmu sabiex jirrangaw is-soqfa ta' mal-hajt imsemmi, liema haddiema ma kienux hemm meta pparkegga l-istess vettura. Hu semma' illi, fl-istess post, ma kien hemm ebda sinjali jew barrieri li permezz taghhom wiehed seta jinduna li kien qed jsir xi xoghol fil-post. In kontro ezami, hu ppreciza illi, fuq l-istess karozza, kien hemm daqqa b'cangun mal-art hdejha. Inoltre, fil-hin meta kien sab il-karozza tieghu bil-hsara msemmija ma kienx ra haddiema fuq il-post. Pero hu kien ra, l-ghada tal-incident, "…nieqsa l-gebda minn fejn kienet li tigi ghal fuq fejn waqghet ghal fuq il-karrozza" kif ukoll "Ic-cangun li kien hemm nieqes kien minn nofs".

Illi, Hugh P Zammit, imsemmi 'supra', xehed permezz ta' "affidavit" a fol 23 ibid u ikkonferma illi Anton ossija Antonio Baldacchino kien assikurat "comprehensive" u dan kien informah illi l-karozza tieghu kienet giet milquta minn "'brick tal-konkos" u ghalhekk kien gie risarcit, b'kollox fis-somma ta' Lm140.75 "ghad-danni kollha", liema somma tinkludi l-ispejjes tar-rapport tal-Pulizija u ta' "survey" li saret (ara l-kopja tar-rapport tal-Pulizija" a fol 24 ibid u li bih jissemma "cangun", liema rapport sar billi Anton Baldacchino personalment mar fl-ghassa tal-Pulizija waqt li l-Pulizija ma kienux marru jinvestigaw fuq il-post kif xehed l-istess Anton Baldacchino).

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut ipproduca diversi xhieda kif ser jinghad:-

a) L-Inginier Aurelio Attard (fol 59 et seq ibid) beda billi qal illi kien irceva rapport anzi "claim" minghand l-assikurazzjoni ta' Antonio Baldacchino dwar dan il-kaz u ghalhekk kien ghamel verifiki mal-Inginier imsemmi fl-istess xhieda u "involut fil-'garage' tal-gvern fil-Marsa". Dan kien baghat lix-xhud stqarrija ffirmata minn erba' haddiema li permezz taghha ".. ddikjaraw li fl-ebda hin ma jafu li kienet waqghet xi gebla jew kantun fuq il-karrozza …" (ara Dok AA1 a fol 67 tal-istess atti). L-istess xhud ikkonferma, ukoll, li, fil-fatt, illi kien qed jsiru xi xogholijiet fil-lokalita tal-incident.

b) Dawn il-haddiema, impjegati mal-Gvern, gew prodotti. Difatti Peter Spiteri (fol 62 et seq ibid) impenjat specificatament mal-konvenut, spjega illi, fil-gurnata in kwistjoni, hu u shabu, kienu qed jibdlu dorga minn fejn jghaddi li l-ilma u pjanci ta' tinda fil-'workshop tal-mastrudaxxi fil-Marsa, liema post jigi mat-triq, in-naha fejn hemm il-Biccerija. Wara li qal li x-xoghol tieghu hu ta' "welder burner", hu spjega li hu u shabu ma kienux qed jaghmlu xi xoghol fil-gebel u hu kien "… in-naha ta' isfel fuq gewwa fuq "scaffolding" sabiex innewwel, il-fuq il-gancijiet …". Inoltre , dwar l-incident in esami, hu kien gie informat bih l-ghada, filghodu, minn meta kien gara'. Nicholas Cascun (fol 65 et seq ibid) specifika illi fil-jum tal-incident hu u shabu kienu qedin jaghmlu xoghol, mhux mal-opramorta izda ".. konna irtirati l-gewwa mill-opramorta" u "Filfatt minn naha ta' barra minn fuq it-triq, konna lesti". Hu sostna illi "… xoghol fil-gebel ma sar xejn" u "waqt li x-xoghol kien ghaddej, ma waqghet l-ebda gebla". Hu semma' illi kien qed jintuza 'truck' sabiex go fih jintefghu l-pjanci tal-hadid li kienu ser jigu rimpjazzati. Inoltre meta kien qed jaghmlu xoghol "… minn naha ta' barra minn fuq it-triq", kienu ntuzaw sinjali ossija tabelli bhala prekawzjoni ghat-traffiku li jkun ghaddej fuq it-triq Paul Buhagiar (fol 69 u fol 70 ibid) sostna, ukoll, illi ma kien sar l-ebda xoghol li jinvolvi gebel. Waqt li Anthony Micallef (fol 71 ibid) sostna, ukoll, illi fil-jum in kwistjoni u waqt li kienu qed jaghmlu x-xoghol fit-tined, "… hadd ma kellmina dwar xi incident". Fl-ahhar nett xehed ukoll Joseph Grixti (fol 72 u fol 73 ibid) li kien inkariga lill-imsemmija haddiema sabiex jaghmlu l-istess xoghol izda li ma kienx presenti meta dan kien qed jigi esegwit peress li ".. ma kienx hemm bzonn ta' 'supervision' waqt li kien qed jigi esegwit dak ix-xoghol".

Ikkunsidrat

Illi gew konsiderati l-provi kif hemm fuq esposti sabiex din il-Qorti tara li gie sodisfatt dak imnizzel fl-artikolu 562 tal-Kodici tal-Procedura Civli (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) u dan dwar l-obbligu tal-prova ta' fatt fuq min jkun allegati. Illi, f'dan il-kaz, l-attur Antonio Baldacchino, meta xehed, kien qal illi il-hsara lmentat minnu kienet giet kagunata

minn cangun tal-gebel deskritt minnu bhala antik waqt li l-attur nomine semma’ fix-xhieda tieghu illi l-allegat incident kien gie kagunat minn “brick” tal-konkos u dan skond kif kien informah l-istess Antonio Baldacchino. Dan li ghadu kemm intqal jitfa’ dubbju gravi dwar il-versjoni tal-fatti, kif moghtija mill-istess Antonio Baldacchino.

Illi, dan permess, hemm ix-xhieda tal-erba’ haddiema kif hawn fuq sintetizzata li sostnew illi, ma kienux qedin jaghmlu xoghol ta’ gabel fil-jum in kwistjoni u li huma kienu qedin jaqilghu pjanci tal-hadid in naha ta’ wara u, cjoe mhux fuq it-triq fejn gara’ l-istess incident.

Illi, dan peremess, jidher illi, ghalhekk, il-provi huma insufficjenti sabiex, fuq bazi ta’ probabilta, jigi konklus illi giet kagunata hsara fuq il-vettura involuta minhabba x-xogholjiet strutturali li kien qed jsiru mill-istess haddiema billi dawn waqqghu kantun gew cangun.

Illi, dwar dan, kienu jkunu opportun illi dan il-kaz kien jkun investigat mill-Pulizija billi sar access fuq il-post tal-incident. Filfatt dan ma sarux peress li l-Pulizija kienu qalu lil Antonio Baldacchino sabiex hu jmur personalment fl-ghassa u semplicement jaghmel rapport. Dan, fil-fehma tal-Qorti, hu nuqqas da parti tal-Pulizija li ghandu jissemma’.

Ikkunsidrat

Illi, fl-ahhar nett, jigi nottat ukoll illi ma ingiebet ebda prova in rigward dak li jinghad fl-artikolu 1037 u 1038 tal-Kodici Civili dwar impjieg ta’ persuni inkompetenti (‘culpa in eligendo’) u dwar persuni li jkunu qed jesegwixxu xoghol u dan minghajr il-kapacita mehtiega skond is-sengha.

Ikkunsidrat.

Illi fid-dawl u fl-isfond ta’ dak kollu premess it-talba attrici ma tistax tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tichad it-talba attrici bl-ispejjes jithallsu mill-istess attur nomine et.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------